MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 52/2013

Go plc

-vs-

Beach View Hotel Limited u George Martin Catterall

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-kumpanija attrici talbet illi l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' elfejn u disgha u disghin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€2, 099.75) import ta' servizzi ta' telefonija. Dan bl-ispejjez kollha.

Ra illi l-konvenuti gew notifikati b'dan l-avviz permezz tal-procedura tal-publikazzjoni u affissjoni. Dan kif jirrizulta mir-riferti tal-Marixxal, a folio tergo ghoxrin (20) tal-process u mill-publikazzjonijiet a folio tnejn u ghoxrin (22) tal-process.

Ra illi fis-seduti ta' wara tali notifika il-konvenuti ma' dehrux.

Ra u sema l-provi mressqa u ra d-dokumenti esebiti.

Ra d-digriet tieghu tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) li permezz tieghu din il-kawza giet diferita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra

Illi l-konvenuti naqsu milli jikkontestaw din it-talba. Fil-fatt la prezentataw risposta fiz-zmien li trid il-ligi u lanqas qatt dehru quddiem it-tribunal sabiex jikkontestaw t-talba. In-notifika tal-konvenuti saret permezz tal-publikazzjoni u ta' l-affissjoni. L-estratt ta' dan l-avviz gie ippublikat fil-gazzetta tal-gvern kif ukoll fil-gurnal "L-Orizzont". Saret ukoll l-affissjoni kif titlob il-ligi.

Illi fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) it-Tribunal sema' lir-rapprezentant tal-kumpanija attrici jikkonferma illi sa dik id-data l-kreditu intier kien ghadu dovut. Il-kreditu dovut huwa spejgat ukoll fir-rendikont esebit.

Illi t-Tribunal jidirlhu illi kemm fin-nuqqas ta' oppozizzjoni kif ukoll fil-kumpless tal-fatti u provi kif prodotti quddiemu, t-talba attrici tidher wahda gustifikata u timmerita li tigi akkolta.

Wara li ra ukoll l-atikolu 13B tal-Kap 380.

Jaqta' u jiddecidi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenuti flimkien insolidum bejniethom sabiex ihallsu lill-kumpanija attrici s-somma ta' elfejn u disgha u disghin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€2, 099.75) bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz il-quddiem. Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------